MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT DR.**
**JOSEPH A. APAP BOLOGNA**

Seduta tas-17 ta' Settembru, 2008

Avviz Numru. 529/2003

**GasanMamo Insurance Limited kif surrogata bil-ligi u bil-polza fid-drittijiet tal-assikurat taghha Anthony Chircop**

**Vs**

**Philip Vella**

Il-Qorti,

Rat l-avviz in esami li bih is-socjeta' attrici nomine et talbu sabiex il-konvenut jghid il-ghaliex din il-Qorti ma ghandhiex :

1. Tiddikjara lill-konvenut unikament responsabbli ghad-danni kollha sofferti mill-atturi bhala konsegwenza tal-incident tat-traffiku li gara fit-3 ta' Novembru, 2001 gewwa B'Bugia meta l-konvenut waqt li kien qed isuq il-vettura Nru. MVB 126 imhabba negligenza, imprudenza u ksur tar-Regolament tat-Traffiku habat mall-vettura numru

Nru. CCC 004 proprjeta’ ta’ Anthony Chircop u misjuqa minn Clint Chircop u ikkaguna hsarat konsiderevoli f’din il-vettura.
2. Tillikwida d-danni sofferti mis-socjeta’ attrici fis-somma ta’ Lm1,765.57 jew somma ohra verjuri, u tillikwida d-danni soferti mill-attur Anthony Circhop, fl-ammont ta’ Lm150.00 okkorendo bl-opra ta’ periti nominandi
3. Tikkundana lill-konvenut ihallas lill-atturi dik is-somma li tigi hekk likwidata flimkien mall-imghaxijiet legali mid-data tan-notifika ta’ dan l-Avviz.

Bl-ispejjes komprisi dawk tal-konsult (Lm15.00), ta’ l-Ittra Ufficjali tad-29 ta’ Settembru, 2003 u ta’ Ittra Ufficjali ohra ippresentata kontestwalment ma’ dan l-avviz kontra l-assikurazzjoni tal-konvenuta tenur tal-Kap 104 tal-Ligijiet ta’ Malta, kontra l-istess konvenut li jibqa’ ngunt ghas-subizzjoni.

Kif ukoll id-dokument anness mall-istess avviz (fol 2 tal-atti).

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-istess konvenut (fol 12 ibid) u li biha eccepixxa bir-rispett :

1. Illi huwa ma jahtiex ghall-incident stradali mertu ta’ din il-kawza u ghalhekk it-talbiet attrici ghandhom jigu michuda bl-ispejjez kontra l-atturi.

Salvi eccezzjonijiet ohra.

Rat l-atti kollha tal-kawza specjalment in-nota ta’ riferenzi tas-socjeta’ attrici nomine (a fol 101 sa fol 113 ibid).

Semghet it-trattazzjoni da parti tad-difensur tal-konvenut.

Ikkunsidrat

Illi ex PS134 Joseph Attard (fol 70 et seq ibid), li kien investiga dan il-kaz flimkien ma PC1059 Joseph Abdilla (fol 43 et seq ibid) esebixxa kopja tar-rapport u tal-iskizz (fol 72 u fol 75 ibid) u spjega illi t-triq fejn gara l-incident

hu ‘one way’, kif indikat bi vlegga fuq l-iskizz. Mill-istess skizz jirrisulta fejn hemm sitwat, stabbiliment bl-isem ta’ “Power Bar”, imnizzel, waqt li l-istess xhud kien qed jixhed, kif ukoll l-Azzjoni Kattolika. Fuqu hemm ukoll murija triq laterali li tisbokka fuq it-triq principali msemmija b’sinjal ta’ “give way” fuqha oltre il-vettura numru CCC 004 misjuqa minn bin l-attur, Clint Chircop, kif spiccat mahbuta, wara dan l-incident kif ukoll ohra minn HAA 785 li kienet sempliciment parkeggjata fil-posizzjoni murija. Ix-xhud spjega illi fl-ghassa tal-Pulzija tal-lokal u dan wara l-incident kien hemm presenti Clint Chircop u l-konvenut u x-xhud kien nizzel fuq ir-rapport relattiv, il-versjonijiet rispettivi waqt li “........... dak li kont qed nikteb fuq il-kompjuter ................ nurih lit-tnejn”. Kif jidher a fol 73, <u>Clint Chircop</u> kien stqarr illi kif kien qed jsuq matul Triq il-Bajja Sabiha ghal go Triq Birzebbugia (u dan ghall-habta tat-2 :45am) minn fuq in-naha tal-lemin tieghu, harget karozza “………. b’numru ta’ registrazzjoni mhux maghruf u sabiex ma ssirx habta bejniethom hu kien gibed lejn ix-xellug tieghu u baqa’ diehel fil-bini tal-Azzjoni Kattolika, gja msemmi. Sussegwentament Clint Chircop ghall-habta tat-8pm tat-3 ta’ Novembru, 2001 kien qal lill-istess xhud illi Philip Vella, il-konvenut, kien qallu u informah illi “…… huwa kien involut bil-karozza numru MVB 126 tal-marka ‘Opel Astra’, jigifieri huwa (il-konvenut) kien li ostakolah”.

Da parti tieghu, il-konvenut stqarr max-xhud illi l-karozza misjuqa minnu kienet wieqfa quddiem l-imsemmi ‘Power Bar’ u, meta kien ra mill-mera esterna illi ma kien gej l-ebda traffiku minn warajh, hu saq ghal go Triq Birzebbugia ghal distanza ta’ madwar hamsin (50) metru minn fejn kien parkegjat u hawnhekk hu sema’ hoss u induna illi warajh kien hemm vettura mahbuta ma’ hajt. In rigward <u>PC1059 Joseph Abdilla</u> gja’ msemmi, dan semma’ illi ma kienx presenti waqt l-istqarrijiet tal-persuni involuti. Pero’ spjega illi hu kien flimkien ma’ PS 134 Joseph Attard, gewwa l-ghassa li tinsab vicin hafna fejn gara l-incident u hu kien sema’ l-hoss tal-habta u meta hareg barra, kien ra l-vettura misjuqa minn Clint Chircop mahbuta mal-hajt kif murija fuq l-istess skizz, liema vettura spiccat f’din il-posizzjoni wara li kienet habtet mal-bini tal-Azzjoni Kattolika fuq in-naha l-ohra tat-triq. Hu kien

ikkostata illi "…… ma kien hemm hadd imwegga'" u "………. s-Surgent tkellem mal-persuna involuta".

Ikkunsidrat

Illi Clint Chircop (fol 20 u fol 53 et seq ibid) spjega li hu kien qed isuq, meta kien wahdu fuq l-imsemmija triq li kienet imxarrba minhabba x-xita niezla u "……. Il-konvenut hareg mit-triq laterali". Ghalhekk, hu ghafas il-pedala tal-'brake' u l-vettura tieghu "skidjatli". Minhabba hekk, hu habat mal-bankina fuq ix-xellug tieghu fejn hemm 'Azzjoni Kattolika' muri fuq l-iskizz "……… u imbaghad komplejt sejjer mal-hajt tan-naha l-ohra". Hu jsostni illi " …….. il-konvenut baqa' sejjer" u ipparkegga " ………. ftit il-fuq fejn kantuniera pero' jiena lill-konvenut kont nafu. Pero' dak il-hin ma gharaftux, rajt il-karozza biss". Wara l-incident u fl-istess jum, il-konvenut tkellem ma' oht l-attur, Maria Chricop, (fol 77 et seq ibid)u kien qalilha illi hu, Clint Chircop, kien ghaddej naqra bis-sahha waqt li l-ghada l-istess konvenut kien cempilli sabiex jara kif kien u l-istess konvenut kien beda jibki u qallu illi hu qed jitlob skuza minghandu.

In kontro ezami, hu qal illi l-vettura l-ohra kienet 'Opel Astra Silver' izda ma kienx ha n-numru taghha. Inoltre ikkorrega ruhu dwar dak li kien di gja xehed, fis-sens illi " ……. jiena ma rajtux jipparkjaha hemmhekk. Dan sirt nafu billi xi hadd iehor kien qalli". Inoltre fuq il-post ta' l-incident, kien ra lill-konvenut jitkellem ma' ohtu.

Dwar ohtu Maria Chircop, din xehdet illi meta marret fuq il-post tal-incident kien hemm hafna nies fosthom il-konvenut li qalilha illi huha Clint " ……. kien qed isuq, skidja u daqshekk biss". Inoltre hi kienet fil-vicin meta il-konvenut cempel lill-huha u " ……. sempliciment smajt lil hija, Clint, jghid ma stennejtiex minn ghandek".

Ikkunsidrat

Illi l-konvenut beda l-provi tieghu billi pproduca lil huh, John Vella (fol 80 et seq ibid), li kien ghaddej mill-post tal-incident ghall-habta tas-1:00am u hemm kien ra l-vettura

misjuqa minn Clint Chircop mahbuta di gja gol-hajt. Ftit 'il fuq kien hemm ukoll, wieqfa l-vettura tal-istess huh. Dan ix-xhud issottolinea illi Clint Chircop kien qed jibza minn missieru, peress li din kienet it-tielet habta tieghu f'perjodu ta' sena. Difatti, l-ghada, kien presenti u sema konversazzjoni bejn l-istess huh u Clint Chircop u kien sema li dan jghid, fuq l-'ispeaker', illi kien qed jibza minhabba li l-assikurazzjoni kienet ser tnehhielu l-polza,minhabba dawn il-kollisjonijiet. Difatti, Clint Chircop, kien ippropona lill-konvenut sabiex "jirrangaw bejniethom u jiehu t-tort kollu hija", liema proposta ma kienetx accettata minn dan ta' l-ahhar ghax " …… lanqas biss kont involut fl-incident". (Dwar l-imsemmija kollisjonijiet u 'claims' ara x-xhieda ta' <u>Hubert Said</u> a fol 96 ibid).

Illi l-<u>konvenut</u> (fol 83 et seq ibid) jsostni illi, filfatt, kien parkeggat quddiem l-istabbiliment b-isem 'Power Bar'. Sussegwentament, hu saq 'l hemm ghad-dritt wara li kien accerta ruhu illi ma kien gej hadd minn warajh. Meta kien wasal xi ftit 'il fuq, minn spizerija, hu sema hoss ta' habta u ghalhekk waqaf u pparkegga sabiex jara x'kien gara. Meta kien ra li kien hemm incident, hu mar vicin Clint Chircop u staqsieh x'kien garalu, izda dan kien "……. imferfex" u " …… beda jibki". Difatti l-konvenut u ohrajn, fosthom huh John Vella taw l-ghajnuna lil Clint Chircop. Il-konvenut sema' ukoll illi l-ghada dan kien qallu illi kien inkwetat fuq l-assikurazzjoni tieghu, waqt telefonata u talbu pjacir sabiex l-istess konvenut jaghmel 'claim' ghar-risarciment mal-asikurazzjoni tieghu. Pero' l-konvenut ma kienx accetta li jaghmel dan.

<u>Ikkunsidrat</u>

Illi sintetizatti l-provi principali wiehed facilment jista' jinduna illi kif hi l-opinjoni ta' din il-Qorti illi s-socjeta' attrici nomine et ma pprovatx dak li gie allegat minnhom avviz in esami, u dan <u>fuq bazi ta' probabilita'</u> kif rikjest mill-ligi. Difatti ghandha zewg versjonijiet tal-fatti li huma <u>ugwalment kredibbli jew ugwalment menzonjieri</u> it-tnejn kemm huma u fid-dawl u fl-isfond ta' dan il-konvenut ma jistax jinstab responsabbli delittwalment tal-incident in esami. Konsegwentament it-talbiet attrici ghandhom jigu

michuda stante li l-Qorti, bl-ebda mod ma tista' tistrieh fuq il-provi prodotti mis-socjeta' attrici nomine et.
Ghal dawn il-motivi l-Qorti, waqt li tilqa' l-eccezzjoni sottomessa mill-konvenut, tichad it-talbiet attrici waqt li l-ispejjes fic-cirkostanzi ta' dan il-kaz, jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------